Iż-żwieġ huwa sinjal transitorju ta' dak li sejjer ikun għal dejjem: ngħixu għalih kif huwa jgħix għalina.

v. 36: "għaliex huma daqs li kieku anġli"

Dan il-paragun insibuh biss hawn fit-TĠ kollu. San Pawl jiddistingwi bejn "ġisem ta' issa" u "l-gisem imqajjem igglorifikat"

1 Kor 15,42: "Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet; jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx; jinżera' fil-għajb, iqum fil-ġieħ, jinżera' fid-dgħufija, iqum fis-saħħa. Jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali".

v. 36: "huma wlied Alla la darba wlied il-qawmien mill-imwiet."

Il-qawmien iwassalna b'mod sħiħ għat-twelid tagħna bħala wlied Alla.

Rum 1,3-4: "Ġesu' Kristu Sidna skond it-tnissil tal-ġisem twieled min-nisel ta' David u skond l-Ispirtu s-Santu, ġie rivelat bħala l-Iben t'Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet".

Kol 1,18: "Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox".

v. 37: "Mosè wkoll urieh"

Il-verb *emenysen* jindikata xi ħaġa li ġiet mgħarrfa jew irrivelata. Insibu frażi kondensata – siġra taqbad tirreferi għad-dehra t'Alla lil Mose' fl-Esodu. Mose' huwa kkunsidrat fl-awtorita profetika tiegħu.

v. 38: "hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin"

Alla ma jistax jgħid "Jiena hu Alla" għall-bnedmin li storikament huma mejta (bħall-Patrijarki). Imma jekk Alla jibqa' Alla tagħhom anke fi żmien Mose', (meta dawn kienu ilhom li mietu) ifisser li b'xi mod huma għadhom ħajjin.

L-istruttura u l-grammatika forsi ftit tagħmel sens għalina, imma mhux għal Luqa u l-qarrejja tiegħu li kellhom moħħom imħarreġ biex jifhem u jinterpreta b'mod korrett dawn l-istrutturi grammatikali.

Il-fedelta t'Alla ma tintrebaħ qatt mill-mewt – Alla hu fina u aħna fih u hekk ma jkun qatt li nintemmu fix-xejn.

v.38: "għax għalih kulħadd jgħix."

X'tifsira għandha "għalih"? Fis-sens li "f'għajnejh" dawn igħixu? Bħallikieku l-persunaġġi tal-passat għalih għadhom preżenti? Jew tfisser li dawk li jmutu, jqumu grazzi tal-qawwa tiegħu?

Is-silta tindikalna aktar it-tieni interpretazzjoni. Min għaraf u laqa' lil Kristu diġa għandu sehem mill-ħajja ta' bla tmiem.

Parroċċa tal-Katidral
It-32 Ħadd Matul is-Sena - Ċ

"GĦAX GĦALIH KULĦADD JGĦIX"

(Lq 20,27-38)

Lectio Divina

6 ta' Novembru 2007

Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa ***(Lq 20,27-38)***

F'dak iż-żmien: Resqu fuq Ġesù xi wħud mis-Sadduċej, dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet, u staqsewh fuq hekk.

"Mgħallem", qalulu, "Mosè ħallielna miktub, 'Jekk wieħed imutlu ħuh miżżewweġ u dan ikun bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla biex inissel ulied għal ħuh.' Issa jkun hemm seba' aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal. It-tieni wieħed u mbagħad it-tielet, ħadu l-armla huma. F'kelma waħda s-sebgħa li kienu, u mietu bla ma ħallew tfal. Fl-aħħar mietet il-mara wkoll. Issa din, fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewguħa."

Weġibhom Ġesù: "Il-bnedmin f'din id-dinja jżewġu u jiżżewġu; imma dawk li jkunu nstabu li jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u għall-qawmien ta' l-imwiet, dawn la jżewġu u anqas jiżżewġu; għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex huma daqs li kieku anġli, u huma wlied Alla la darba wlied il-qawmien mill-imwiet. U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh, fejn hemm imsemmija x-xitla tal-għolliq, għax lill-Mulej jgħidlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."

Hija l-unika darba li Luqa jsemmi lis-Sadduċej fil-Vanġelu tiegħu. Huma setta/partit fi ħdan il-poplu ta' Israel, li jieħdu isimhom minn Sadok (2Sam 8,17). Huma moviment ta' filosofija fi ħdan il-poplu, x'aktarx kienu l-aristokrażija. Iżommu biss l-Iskrittura miktuba, waqt li kontra l-Fariżej, ma jaċċettawx it-tradizzjoni orali. Bħala konsegwenza kienu konservattivi, u ma jaċċettawx l-eżistenza tal-anġli u lanqas il-qawmien mill-imwiet. Jispiċċaw mal-qerda tat-tempju ta' Ġerusalemm fis-sena 70W.K.

Prattikament illum aħna lkoll Sadduċej – il-qawmien mill-imwiet m'għadux jinfluwenza l-mod ta' kif aħna ngħixu. Il-bniedem materjalista jgħix bħallikieku m'hemmx qawmien mill-imwiet.

v. 27: "dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet"

It-twemmin fil-qawmien wara l-mewt hu tardiv fl-Antik Testment (Dan 12, 2-3; 2Mak 7, 9.11.14.23). Il-pożizzjoni tas-Sadduċej kienet dejjem aktar tradizzjonali u ma taċċettax żvilupp fl-għarfien tal-misteru t'Alla. Atti 23, 7-10 jiddiskrivi kif dan in-nuqqas ta' qbil fit-twemmin wassal għal kunflitt bejn il-Fariżej u s-Sadduċej.

v. 28: "Mosè ħallielna miktub"

Ġesu' jirreferi għall-liġi tal-Levirjat.

Dt 25,5: "Jekk aħwa jgħixu flimkien, u jmut wieħed minnhom, u ma jkollux tfal, il-mara tal-mejjet m'għandhiex tiżżewweġ barra l-familja lil xi ħadd barrani; ħatinha jersaq lejha, u jeħodha b'martu, u jaqdi dmiru ta' ħu żewġha li hu. U hekk jiġri li l-ewwel iben li tiled jieħu isem ħuh il-mejjet u hekk ma jitħassarx ismu minn Israel."

v. 33: "fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom tkun?"

Iridu juru l-impossibilità tal-qawmien fiżiku mill-mewt.

Il-mara kienet meqjusa bħala sempliċi oġġett tar-raġel tagħha.

v. 34: "Il-bnedmin f'din id-dinja..."

Luqa jagħmel distinzjoni bejn "din id-dinja" (*aion*) u "d-dinja l-oħra" (il-ħajja futura) tal-v.35. Iż-żwieġ u l-ġenerazzjoni tal-ulied kienu jikkunsidrawhom mod ta' kif jiġġieldu u jirreżistu l-mewt. Ġesu' jagħti tifsir ġdida lill-mewt – hija megħluba mill-qawmien u mill-ħajja f'Alla.

v. 35: "dawk li jkunu nstabu li jistħoqqilhom..."

Li wieħed jidħol fil-ħajja futura mhix qligħ milħuq imma frott tal-ġudizzju t'Alla fuq il-merti ta' kull wieħed. Il-verb passiv jindika l-opra t'Alla. Il-ħajja futura hija don/rigal: hija ħajja hekk li wieħed ma jiżżewwiġx aktar għax ma jistax imut aktar.

v. 35: "dawn la jżewġu u anqas jiżżewġu"

Ġesu jiddikjara differenża kwalittativa ta' kriterji bejn l-eżerċizzju taż-żwieġ f'din il-ħajja u mbagħad wara l-qawmien. Jekk il-bnedmin ma jistgħux aktar imutu, l-iskop li għalih iż-żwieġ jeżisti jintilef u jispiċċa, hekk li ma jkunx aktar ħtieġa tiegħu.

Il-bniedem jista' jiċħad għaż-żwieġ għax huwa persuna u għandu l-valur tiegħu bħala tali.

Iż-żwieġ mhux destinat għall-konservazzjoni tal-ispeċi umana imma huwa xhieda tal-imħabba vera (li għax vera tiġġenera u tagħmel il-frott). Għalhekk dan hu misteru kbir (Ef 5,32).